MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 28/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Brincat talli fix-xahar ta' April 2005, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt nru. 1243/04 ghall-perijodu ta' bejn il-25 ta' April 2005 sal-1 ta' Mejju 2005, u mill-1 ta' Mejju 2005 sad-19 ta' Gunju 2005, mahrug mill-Qorti Civili (sezzjoni tal-familja) quddiem l-Imhallef Dr. Geoffrey Valenzia LL.D,. naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-manteniment dovut lil martu Veronica Brincat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Frar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Brincat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal terminu ta’ detenzjoni ta’ xahrejn (2);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Joseph Brincat pprezentat fit-13 ta’ Frar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni w htija, u f’kull kaz tirriduci l-piena nflitta fis-sens u ghar-ragunijiet fuq esposti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xiehda ta’ Veronica Brincat;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) huwa qatt ma gie notifikat bl-ordni tal-Qorti Civili; (2) l-ordni tal-Qorti Civili ma kienx jirreferi ghall-perijodu indikat fl-imputazzjoni; (3) il-piena hi eccessiva; (4) l-ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali biex tittratta mieghu f’din il-kawza u fit-tnejn l-ohra li nstemghu kontestwalment sabiex tqishom bhala reat wiehed; (5) fi kwalunkwe kaz kellha tapplika l-artikolu 17(c) sabiex ghat-tliet kawzi ma jehilx piena komplessiva ta’ aktar minn tliet xhur.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant isostni illi l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz, minbarra li tipprova li nghata digriet kamerali, kellha tipprova wkoll li dak id-digriet gie notifikat lill-appellant. L-appellant jghid illi dan id-digriet baqa’ qatt ma gie notifikat lilu.

Jigi l-ewwelnett rilevat illi digriet tal-Qorti huwa effettiv <u>ukoll</u> jekk ma giex notifikat. Issa, jirrizulta mill-kopja tad-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta’

Dicembru 2004 (a fol. 6 ta’ l-Appell Kriminali numru 27/06 fl-istess ismijiet li qieghed jigi deciz illum stess) illi d-digriet inghata wara li dik il-Qorti kienet rat kemm ir-rikors ta’ Veronica Brincat kif ukoll ir-risposta ta’ l-appellant. Jigifieri l-appellant kien jaf bil-proceduri quddiem dik il-Qorti u certament kellu kull interess illi jkun jaf bl-ezitu ta’ l-istess proceduri. Ghalhekk seta’ liberament imur jindaga dwar tali ezitu fir-Registru ta’ dik il-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, ghalkemm l-appellant isostni illi huwa ma giex notifikat bl-imsemmi digriet, ma gab l-ebda prova in sostenn ta’ dan. Ghall-prosekuzzjoni huwa sufficjenti li tipproduci vera kopja tad-digriet koncernat. Imbaghad dan mhuwiex l-ewwel kaz li l-appellant kellu quddiem il-qrati ta’ gustizzja kriminali b’imputazzjoni simili (ara f’dar-rigward is-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta fl-istess ismijiet – appell numru 82/05 – moghtija fit-18 ta’ Ottubru 2005). Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju l-appellant jghid illi d-digriet tat-3 ta’ Dicembru 2004 kien ordni temporaneju u provvizorju li jista’ jinbidel f’kull mument tal-proceduri. Ghalhekk, isostni l-appellant, jehtieg li l-prosekuzzjoni tipprova wkoll li z-zmien li ghalih tirreferi l-imputazzjoni jikkoincidi maz-zmien li fih kien japplika d-digriet. Skond l-appellant, din il-Qorti m’ghandhiex tinterpreta l-ordni tal-Qorti Civili bhallikieku ma kienx provvizorju u limitat fiz-zmien, b’mod li qed tmur oltre dak li tipprovdi l-ligi stess (b’referenza ghall-artikoli 37(5) u 46A tal-Kodici Civili). Fil-kaz prezenti, jissokta l-appellant, ladarba l-kawza tal-firda personali baqghet ma gietx intavolata fiz-zmien preskritt mil-ligi, l-ordni tal-Qorti ma baqax fis-sehh wara l-iskadenza ta’ l-istess terminu legali. Ghalhekk, jghid l-appellant, l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghall-perijodu wara li skada t-terminu li fih setghu jinbdew il-proceduri ghall-firda personali.

Din il-kwistjoni giet ventilata quddiem din il-Qorti diversi drabi. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Mallia** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Mejju 1998, intqal testwalment hekk:

**"Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tispjega aktar minn darba, ghall-finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9, hu rrelevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kkontenut f'dak id-digriet ma kienx espressament irrevokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali - ara f'dan is-sens *Il-Pulizija v. Lawrence Cilia*, App. Krim. 10/3/95, u *Il-Pulizija v. Carmelo Farrugia*, App. Krim. 23 ta' Jannar 1998 (App. Nru. 161/97)."**

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Raymond Cutajar,** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Settembru 1999, gie ritenut hekk:

**"Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'digriet moghti skond il-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 470 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili … jibqa' validu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il-Prim'Awla gietx intavolata o meno, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li dak id-digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim 'Awla, u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null. Ghall-finijiet tal--imsemmi Artikolu 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova (i) li nghata ordni minn qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digriet, bhalma sar f'dan il-kaz jew, kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva) u (ii) li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni, kellha tithallas is-somma. Ikun jispetta,**

**imbaghad, ghall-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni."**

Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma din il-gurisprudenza kostanti[1] u ma tara l-ebda raguni biex tiddipartixxi minnha. F'dan il-kaz imbaghad ma ngabet l-ebda prova mill-appellant illi d-digriet imsemmi gie b'xi mod mibdul jew revokat jew li sehhet rikonciljazzjoni. Ghalhekk it-tieni aggravju huwa michud.

Dwar ir-raba' aggravju fejn l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u tqis it-tliet imputazzjonijet bhala reat wiehed, din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** fit-3 ta' Novembru 1995 (Vol. LXXIX.v.1678):

**"… jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala tali reat kontinwat, il-Qorti necessarjament trid taghti sentenza separata f'kull kawza ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet <u>migjuba f'dik il-kawza</u>. Jista' jaghti l-kaz li l-prosekuzzjoni jkollha d-dubbji taghha jekk hemmx ir-'risoluzzjoni wahda' kkontemplata fl-artikolu 18. Jista' jaghti l-kaz ukoll li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, il-Pulizija Esekuttiva, tkun agixxiet tempestivament u ma' l-ewwel infrazzjoni resqet lil dak li jkun; f'dan il-kaz wiehed ma jistax jippretendi li l-Pulizija ghandha toqghod tistenna biex tara jekk il-persuna li tkun tikkommettix reat iehor in forza tar-risoluzzjoni wahda li tkun precedentement iffurmat biex b'hekk fl-ahhar tressqu akkuzat bl-infrazzjonijiet kollha bhala reat kontinwat. Mill-banda l-ohra l-Pulizija m'ghandhiex tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawzi."**

[1] Ara wkoll Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Loreto Borg** tad-9 ta' Gunju 2004 u **il-Pulizija v. Evan Mamo** tat-27 ta' Lulju 2005.

Fil-kaz prezenti, it-tliet citazzjonijiet, kemm dik fil-kawza odjerna kif ukoll dawk fil-kawzi li huma mertu ta’ l-appelli numri 25/06 u 28/06, inhargu f’dati differenti – dik fil-kawza odjerna fis-16 ta’ Gunju 2005– l-ohrajn fl-20 ta’ April 2005 u fil-11 ta’ Lulju 2005 rispettivament, u f’kull kaz inghata mill-prosekuzzjoni l-beneficcju tar-reat kontinwat ghad-diversi kontravvenzjonijiet kommessi fil-perijodi li ghalihom jirreferu t-tliet citazzjonijiet rispettivament. Bhalma ntqal fis-sentenza appena citata, l-appellant ma jistax jippretendi li l-Pulizija toqghod tistenna biex tara jekk jikkommettix reati ohra in forza ta’ l-istess risoluzzjoni qabel ma tipprocedi kontra tieghu, u ghalhekk ghamlet sew il-Pulizija li pprocediet kull meta rceviet l-ilment da parti ta’ mart l-appellant dwar in-nuqqas ta’ zewgha li jhallas il-manteniment kif kien ordnat li jaghmel. U din il-Qorti ma tistax issa tordna li t-tliet processi jigu inkorporati fi process wiehed jew f’sentenza wahda – ebda disposizzjoni tal-ligi ma tawtorizzaha li jsir dan. Kwindi anke r-raba’ aggravju huwa michud.

Dak li nghad dwar l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, japplika *mutatis mutandis* fir-rigward tal-hames aggravju fejn l-appellant jippretendi illi l-ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 17(c) tal-Kodici Kriminali. Galadarba hawn si tratta ta’ tliet kawzi, ossia tliet imputazzjonijiet separati u distinti, l-ewwel Qorti korrettement infliggiet piena separata u distinta ghal kull wahda minn dawk l-imputazzjonijiet. Ghalhekk il-hames aggravju huwa michud.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena, li l-appellant iqis bhala eccessiva. Din il-Qorti tosserva illi l-piena nflitta hija fil-parametri tal-ligi. Fil-mori ta’ dan l-appell, pero`, l-appellant u martu ghamlu kuntratt ta’ separazzjoni datat 31 ta’ Lulju 2006 fejn mart l-appellant iddikjarat hekk:

*“Il-mara tiddikjara li b’dan il-ftehim hija tinsab pjenament sodisfatta ghall-hlasijiet kollha tal-manteniment dovuti lilha sallum mir-ragel inkluz il-manteniment kollu dovut lilha sallum fir-rigward tat-tifel minuri. Hija ghalhekk tobbliga ruhha li tipprezenta nota fl-atti tal-proceduri u/jew kawzi*

*kollha bejn il-partijiet jew kontra r-ragel pendenti quddiem il-qrati kemm civili kemm kriminali, fejn tiddikjara li ma fadlilha tiehu ebda manteniment, jew arretrati ta' manteniment ghaliha u/jew ghal uliedha minuri, u konsegwentement tirtira l-proceduri kollha pendenti kontra r-ragel fl-istess qrati."*

Fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2006 Veronica Brincat ma pprezentat l-ebda nota u indikat li ghadha ma thallsitx tal-manteniment kollu. Dan pero` jikkontrasta mad-dikjarazzjoni li hija stess iffirmat fil-kuntratt ta' separazzjoni. Barra minn hekk, kwistjoni dwar cekk ta' Lm150 favur l-imsemmija Veronica Brincat u li ma kienx issarraf, giet sorvolata permezz ta' cekk iehor ghall-istess ammont li gie pprezentat lilha fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2006.

Issa, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Kif diga` gie osservat, fil-mori tal-kawza l-appellant u martu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fejn iddefinixxew il-pendenzi kollha ta' benjiethom. Ghalhekk jidher li "l-ghan tal-legislatur" intlahaq u, in vista ta' dan l-izvilupp pozittiv li ntlahaq biss fl-istadju ta' l-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal, u cioe` billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi <u>tikkonfermaha</u> in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, <u>tirrevokaha</u> in kwantu kkundannatu ghal xahrejn detenzjoni u minflok

tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni fin-nuqqas ta' hlas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------